MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 151/2008

**First United Insurance Brokers Limited
(C 22502)**

**Vs**

**Edward Caruana Soler
(I.D. 701755M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas is-somma ta’ hames mija u tnejn u sebghin euro u hdax-il centezmu (€572.11) - (LM245.61) rapprezentanti hlas fuq polza t’assikurazzjoni mahruga mis-socjetà attrici favur il-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u tnejn u sebghin euro u hdax-il centezmu (€572.11) - (LM245.61), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

Av. Dr. Gabriella Vella
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------